**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Robert Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 1191/13**

**Illum, 23 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmij Robert Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 327068(M).

Akkuzat talli:

> fi 22 ta' Settembru 2013 ghal habta ta' 4.15pm u / jew hinijiet qabel fi Triq Il-Kurunell Mass Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Fiat Punto numru tar-registrazzjoni FBM347 ghad-dannu ta' Whitney Grech mill-Kalkara u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1164.69) imma hi izjed minn mija u sittax il-ewro u erbghin centezmu. .
>
> Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.
>
> Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel lil Jean Paul Lomax, Anna Lomax u lil Whitney Grech mill-Kalkara u minn Hal-Tarxien ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri principarjament inbdew mill-parte civile Whitney Grech li tigi t-tifla tal-imputat fejn hija allegat illi saret hsara volontarja minn missierha fuq il-karrozza taghha nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2013, kif ukoll talli kkommetta ingurji jew theddid fuq l-istess, fuq l-gharus taghha Jean Paul Lomax u fuq ommu Anna Lomax.

Illi sussegwentement, tul il-proceduri rrizulta illi sija Anna Lomax kif ukoll Whitney Grech ma xehdux f'dawn il-proceduri u billi wkoll l-istess Whitney Grech tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli kontra missierha.

Jirrizulta biss ix-xhieda ta' Jean Paul Lomax illi x-xhieda tieghu ma tantx serviet sabiex taghti dawl ghac-cirkostanzi tal-kaz peress illi huwa ra kollox mill-gallarija tad-dar tieghu u fejn l-incident kien qed isir fit-triq. Huwa jghid illi ma setax jara sew ghaliex kien hemm is-sigar jghattulu il-vizwali imma ra biss lill-imputat jitla' fuq il-karrozza. Dan il-fatt ma tantx ghen ghaliex fil-fatt, l-istess imputat jghid bil-gurament u anke fl-istqarrija illi huwa kien tela' fuq il-karrozza ta' Whitney ghaliex bi zball kien tajjar ic-cwievet fl-arja u gew fuq is-saqaf tal-

karrozza taghha. Jirrizulta wkoll illi fuq il-karrozza ta' Whitney ma kienx hemm xi hsara notevoli izda biss ghafsa zghira.

A rigward l-ingurji u t-theddid l-uniku xhud u cioe` Jean Paul Lomax jghid illi l-imputat allegatament beda jghajjar lilu u lil ommu Anna Lomax izda ma specifikax x'tip ta' kliem beda jghid u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tivvaluta jekk dak il-kliem kienx kliem ingurjuzi jew ta' theddid.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti thoss li l-ebda wahda mill-akkuzi addebitati lill-imputat ma gewx ippruvati u ghalhekk qed tillibera lill-imputat **Robert Grech** mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**